

Brussell, 19 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5495/24

LIMITE

DEVGEN 9
SAN 33
ACP 6
RELEX 50
SUSTDEV 7
ONU 7
CONUN 15

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali – Saħħa aħjar għal kulħadd f'dinja li qed tinbidel - Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar "Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali: Saħħa aħjar għal kulħadd f'dinja li qed tinbidel" imfassla biex ittejjeb is-sigurtà tas-saħħa globali u twassal saħħa aħjar għal kulhadd¹. Din ġiet ippreżentata lill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2022.
2. L-istrateġija ser tiggwida l-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa globali sal-2030; hi tistabbilixxi prijetajiet ta' politika ċari, prinċipji gwida kif ukoll linji operazzjonali ta' azzjoni. Toħloq ukoll qafas ta' monitoraġġ ġdid biex jiġu vvalutati l-effettività u l-impatt tal-politiki u l-finanzjament tal-UE.
3. L-istrateġija ġiet diskussa b'mod konġunt mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u Sħubijiet Internazzjonali (CODEV-PI) u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika.
4. Fid-19 ta' Jannar 2024, intlaħaq qbil fil-livell tal-grupp ta' ħidma dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jidhru fl-anness ta' din in-nota, imħejji taħt il-Presidenza Żvediża.
5. F'dak l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil dwar it-test u jibagħtu lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

¹ 15585/2022

ABBOZZ

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali
– Saħħa aħjar għal kulħadd f'dinja li qed tinbidel**

1. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali - Saħħa Aħjar għal Kulħadd f'Dinja li qed Tinbidel¹. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni li l-UE u l-Istati Membri għandhom biex javvanzaw is-saħħa globali flimkien mas-sħab abbażi tas-solidarjetà, l-umanità, l-ekwità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-Kunsill jagħraf li l-ogħla standard li jista' jinkiseb ta' saħħa fiżika u mentali huwa dritt tal-bniedem u jissottolinja li s-saħħa hija prerekwiżit għall-iżvilupp sostenibbli, b'implikazzjonijiet importanti għas-sikurezza, l-istabbiltà u l-prosperità ta' kull soċjetà, inkluż fl-UE. Il-Kunsill jagħraf li l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra l-istereotipi dannużi tal-ġeneri, l-indirizzar tal-istigma u tad-diskriminazzjoni huma tal-akbar importanza biex tinkiseb saħħa tajba għal kulħadd. Saħħa globali teħtieġ multilateraliżmu effettiv u sħubijiet inklużivi bejn diversi partijiet ikkonċernati u hija pilastru essenzjali tal-politika esterna tal-UE, integrali għat-tisħiħ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandu jkollhom rwol ewlieni biex jiżguraw li s-saħħa globali tibqa' fuq nett tal-aġenda internazzjonali.

¹ 15585/22 - COM(2022)675: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali - Saħħa Aħjar għal Kulħadd f'Dinja li Qed Tinbidel

3. Il-Kunsill jenfasizza li l-lezzjonijiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u minn emerġenzi oħra tas-saħħa, ix-xejriet globali tas-saħħa, il-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, u ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr ħafna, jindikaw il-ħtieġa għal approċċ imġedded għas-saħħa globali biex tiġi promossa u protetta s-saħħa permezz tal-prevenzjoni, it-tħejjija għal theddid globali għas-saħħa u l-ġlieda kontribut u l-iżgurar tas-sigurtà tas-saħħa, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u l-progress fir-rigward tal-Kopertura tas-Saħħa Universali, u l-indirizzar tad-determinanti tas-saħħa u l-promozzjoni ta' ħajjiet b'saħħithom u tal-benesseri, f'konformità mal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.
4. Il-Kunsill ifakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2010² u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali³, u jissottolinja l-kontributi sinifikanti tal-UE biex jiġu salvati l-ħajjiet u biex tiġi promossa s-saħħa, permezz ta' tmexxija politika, kontribuzzjonijiet finanzjarji u għarfien espert tekniku. Is-saħħa globali hija pilastru tal-Global Gateway⁴ u tema ċentrali fis-sħubijiet globali, reġjonali u bilaterali tal-UE, inkluż permezz tal-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁵ u diversi Inizjattivi ta' Tim Ewropa. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal koerenza politika u approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u jagħraf ukoll li l-kontributi tal-UE għas-saħħa globali jmorru lil hinn mis-settur tas-saħħa, inkluż foqasma bħall-paċi u s-sigurtà, l-agrikoltura, il-klima u l-ambjent, l-educazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, in-nutrizzjoni u s-sigurtà tal-ikel, il-protezzjoni soċjali, il-kummerċ u l-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH).

² 8281/10 - COM(2010)128: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Ir-Rwol tal-UE fis-Saħħa Globali

³ 9644/10 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali

⁴ 14675/21 - JOIN(2021)30: Komunikazzjoni Konġunta: Il-Global Gateway

⁵ 8979/21 - COM(2021)252: Komunikazzjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

5. Il-Kunsill ifakkar li konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill appellaw għat-tisħiħ tal-multilateralizmu⁶, enfasizzaw is-saħħa globali fil-kuntest tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa⁷, issottolinjaw ir-rwol mexxej, koordinattiv u normattiv tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) fis-saħħa globali⁸, enfasizzaw l-importanza li jittieħed approċċ ta' Saħħa Wahda⁸, tiġi indirizzata r-reżistenza antimikrobika⁹ u jiġi żgurat l-aċċess għal WASH¹⁰, saħqu dwar ir-rabta bejn is-saħħa, il-benesseri u t-tkabbir ekonomiku¹¹, ħadu impenn li jitħarsu t-tfal kollha¹² u li jippromwovu l-inklużjoni u l-involvement taż-żgħażaġh¹³, esprimew l-ambizzjoni tal-UE li tkun newtrali għall-klima sal-2050¹⁴ u appellaw biex tiġi miġġielda d-dizinformazzjoni¹⁵. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, l-ugwaljanza u l-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp¹⁶ li jenfasizza s-saħħa globali bħala parti mir-rispons tal-UE għall-Aġenda 2030, u li l-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR). B'dan il-ħsieb, l-UE ttenni l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u

⁶ 10341/19 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-UE biex jissaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli

⁷ 14886/21 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa

⁸ 12957/20 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fit-tisħiħ tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

⁹ 9112/20 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

¹⁰ 13440/21 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ilma fl-Azzjoni Esterna tal-UE

¹¹ 13432/19 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri

¹² 10024/22 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal

¹³ 8629/20 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna

¹⁴ 5263/21 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija: It-tweqqid tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

¹⁵ 14064/20 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-għieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19

¹⁶ 10108/17 - Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp (2017): "Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna"

edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.

L-isforzi għandhom ikunu ggwidati mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024,¹⁷ il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE¹⁸ u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilità¹⁹. Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni Ewropea adottat strateġiji għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri²⁰ u l-LGBTIQ²¹, kif ukoll it-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP) "Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE 2021-2025", milqugħa bil-Konklużjonijiet tal-Presidenza.

6. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha, fi ħdan il-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jaħtfu l-opportunità li jsaħħu l-impatt tagħhom bħala attur globali u reġjonali biex jikkontribwixxu b'mod konkret u miżurabbli għal dinja aktar b'saħħitha u aktar sikura, inkluż f'ambjenti fraġli u affettwati minn kriżijiet u kunflitti. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella għal ambizzjoni akbar, b'approċċ komprensiv fejn l-enfasi ma tibqax biss fuq li nsalvaw il-ħajja u li nnaqqsu l-itfaċċar u t-tixrid tal-mard iżda fejn l-enfasi tkun ukoll fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri, inkluż is-saħħa mentali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-istigma, b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet, it-tfal u ż-żgħażaġh, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni LGBTI, il-popli indiġeni u l-persuni u l-komunitajiet f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u marġinalizzati, kif ukoll il-popolazzjonijiet migranti u spostati. Il-Kunsill huwa impenjat li jiġġielel kontra forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni biex jiżgura approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u biex jindirizza l-inugwaljanzi. It-tliet prijoritajiet komplementari tal-Istrateġija għandhom jiggwidaw dawn l-isforzi:

a) **It-titjib tas-saħħa u tal-benesseri tan-nies tul il-ħajja kollha tagħhom** - biex ikunu jistgħu jevitaw il-mard u jibqgħu b'saħħithom - inkluż permezz ta' azzjoni fir-rigward

¹⁷ 7029/20 - JOIN(2020)5: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024

¹⁸ 15322/22 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE

¹⁹ 6268/21 - COM(2021)101: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030

²⁰ 6678/20 - COM(2020)152: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025

²¹ 13081/20 - COM(2020)698: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025

tad-determinanti tas-saħħa fis-setturi u s-soċjetajiet kollha, mill-klima u l-ambjent sal-
edukazzjoni u WASH, l-indirizzar tal-faqar, l-inugwaljanza u l-inugwaljanza bejn il-
ġeneri, il-prevenzjoni u r-rispons għall-kriżijiet umanitarji, it-titjib tal-aċċess għal dieti
sikuri, suffiċjenti, nutrittivi u tajbin għas-saħħa u l-indirizzar tal-użu tat-tabakk u l-
konsum dannuż tal-alkoħol bħala fatturi ta' riskju għall-mard u l-mortalità;

- b) **It-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u progress fil-kopertura tas-saħħa universali** - biex
jittejjeb l-aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità, aċċessibbli, aċċettabbli u
disponibbli inkluż servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva - b'enfasi fuq il-
kura tas-saħħa primarja, il-parteċipazzjoni u l-involvement tal-komunità, il-funzjonijiet
essenzjali tas-saħħa pubblika, ir-riċerka u d-diġitalizzazzjoni, forza tax-xogħol tas-saħħa
b'ħiliet u suffiċjenti, aċċess ekwu għal prodotti tas-saħħa ta' kwalità u affordabbli, inkluż
permezz tal-manifattura lokali u l-finanzjament adegwat u sostenibbli tas-saħħa, inkluż
permezz tal-promozzjoni tal-finanzjament nazzjonali tas-saħħa, it-tisħiħ tat-trasparenza,
l-obbligu li jingħata rendikont, l-integrità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- c) **Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid għas-saħħa, inkluż il-pandemiji, bl-
applikazzjoni ta' approċċ "Saħħa Waħda"** - biex jiġu evitati u mitigati kriżijiet tas-
saħħa futuri u l-konsegwenzi tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi tagħhom - fost l-oħrajn
permezz ta' reżiljenza akbar u mekkaniżmi effettivi ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons
inkluż sorveljanza u monitoraġġ integrati u kollaborattivi, forza tax-xogħol tas-saħħa
pubblika msaħħa u aċċess aħjar għal kontromiżuri mediċi u trasferiment volontarju tat-
teknoloġija, il-mili tal-lakuni fil-governanza globali, ftehim dwar il-pandemiji²²
legalment vinkolanti u Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa msaħħa, it-tisħiħ tal-
ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-iżgurar ta' tmexxija fil-livell
nazzjonali, reġjonali u globali.

²² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/451, Deċiżjoni SSA2 (5) tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa

7. Il-Kunsill jinnota li l-Istrateġija tirrappreżenta paradigma ġdida li tinvolvi l-oqsma rilevanti kollha tal-politika esterna, b'rabta importanti mal-politiki interni. L-implimentazzjoni b'suċċess tagħha teħtieġ approċċ innovattiv, integrat, koordinat u bbażat fuq l-evidenza, modi ġodda u differenti ta' ħsieb u ħidma, l-indirizzar ta' lakuni fl-għarfien u l-kisba ta' koerenza bejn l-azzjonijiet domestiċi u internazzjonali tal-UE. Dan jinkludi t-tisħiħ tas-sistema multilaterali u l-aċċellerazzjoni ta' sħubijiet globali, reġjonali u bilaterali ekwi u ta' benefiċċju reċiproku bbażati fuq is-solidarjetà, is-sjeda u r-responsabbiltà konġunti, il-promozzjoni tat-tnejjija, ir-reżiljenza u awtonomija strateġika miftuħa u l-adozzjoni ta' approċċ multisettorjali u ta' saħħa fil-politiki kollha li jinvolvi l-oqsma ta' politika u l-istrumenti rilevanti kollha disponibbli. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jittejjeb, b'mod kollettiv, il-finanzjament għas-saħħa globali fil-livell globali, reġjonali u nazzjonali, inkluż permezz ta' għotjiet u finanzjament innovattiv, l-appoġġ għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi fil-pajjiżi sħab u l-promozzjoni ta' kummerċ miftuħ u prevedibbli. F'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni l-impenn li jikkontribwixxi mill-inqas 20 % tal-ODA ffinanzjata skont ir-regolament NDICI-Ewropa Globali għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem.
8. Il-Kunsill jilqa' l-Istrateġija u jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri, fi ħdan il-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex japplikaw il-prinċipji gwida u jimplimentaw kif xieraq il-linji ta' azzjoni u l-inizjattivi proposti fiha, inkluż billi:
- jieħdu azzjoni konkreta biex jippromwovu s-saħħa globali fis-setturi rilevanti kollha, inkluż is-saħħa pubblika, il-klima u l-ambjent, ir-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, l-ilma u s-sanità, is-sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kummerċ, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp internazzjonali, il-mekkaniżmi tal-protezzjoni ċivili u l-assistenza umanitarja u fl-istrumenti ta' finanzjament u l-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti kollha tal-baġit tal-UE, filwaqt li jimplimentaw approċċ ta' saħħa fil-politiki kollha u jippromwovu sinerġiji mal-oqfsa, l-inizjattivi u l-politiki rilevanti tal-UE; u jtejbju approċċ trasformattiv li jindirizza l-kawżi bażiċi tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri;
 - isaħħu l-kapaċità u jtejbju l-koordinazzjoni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni informali, biex tingħata spinta lill-effiċjenza u lill-impatt tal-inizjattivi u l-azzjonijiet, jiġi żgurat li l-UE u l-Istati Membri tagħha jtkellmu b'vuċi waħda fil-fora internazzjonali rilevanti u jintensifikaw id-djalogu u l-isforzi ta' komunikazzjoni konġunta fil-livell multilaterali, reġjonali u nazzjonali;

- c) jieħdu rwol proattiv u kostruttiv biex isaħħu l-kooperazzjoni multilaterali billi jimlew il-lakuni eżistenti fil-governanza globali u jiżguraw il-komplementarjetà u l-koerenza tal-azzjoni, li fil-qalba tagħha jkollha WHO msaħħa u aktar effettiva, lesta tagħti rendikont u ffinanzjata b'mod sostenibbli, filwaqt li jieħdu nota li t-talba tal-UE li tikseb status ta' osservatur formali fid-WHO tista' tiġi indirizzata u deċiża fl-istrutturi rilevanti tal-Kunsill;
 - d) jespandu s-sħubijiet bilaterali, reġjonali, transreġjonali u globali f'konformità mal-prijoritajiet identifikati fl-Istrateġija u jimplimentaw risponsi mfassla apposta għall-pajjiż u għar-reġjun permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa, jimplimentaw Inizjattivi ta' Tim Ewropa, inkluż permezz ta' appoġġ għall-komunitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-sensibilizzazzjoni, inkluż fi djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi sħab;
 - e) jibdew janalizzaw b'mod regolari, sa mhux aktar tard mill-2024, il-progress u l-impatt tal-Istrateġija.
9. Tul l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, il-Kunsill jappella għall-involviment kontinwu tas-soċjetà ċivili, l-akkademja, is-settur privat, il-BEI u l-BERŻ u banek għall-iżvilupp u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, is-sistema tan-NU inkluż id-WHO, u atturi rilevanti oħra, Gavi, l-Alleanza għall-Vaċċini u l-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja fil-kisba tal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-Istrateġija.
10. Il-Kunsill jistieden ukoll lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex:
- a) jżviluppaw diplomazija tas-saħħa globali tal-UE koerenti, li tibni fuq il-kapaċitajiet eżistenti u tagħmel l-aħjar użu minnhom, abbażi tal-approċċ ta' Tim Ewropa, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri;
 - b) iżidu l-kapaċità tas-saħħa globali fid-Delegazzjonijiet ewlenin tal-UE, inkluż billi jiġi meqjus l-issekondar ta' esperti nazzjonali;
 - c) jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Istrateġija bl-użu ta' qafas integrat u parteċipattiv li għandu jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bi tkompli fuq l-għodod eżistenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u sforzi mtejbja biex tinġabar data diżaggregata skont l-età u s-sess, jitħejjew rapporti ta' progress u jiġu organizzati laqgħat annwali biex jiġi diskuss il-progress, inkluż il-Forum Globali dwar il-Politika tas-Saħħa.

